MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 135/2011

**Johann Attard u Claire Storace**

**Vs**

**Jon Munro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Johann Attard u Claire Storace fid-19 ta’ April 2011 permezz ta’ liema jitolbu li Jon Munro jigi kkundannat ihallashom somma li ghandha tigi likwidata mill-Qorti, occorrendo permezz ta’ Periti Nominandi, rapprezentanti danni u spejjez sofferti mnnhom b’rizultat ta’ incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta’ Novembru 2009 gewwa Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni CBJ-707 misjuqa mill-attur Johann Attard u l-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni JON-476 misjuqa minn Jon Munro, ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess Jon Munro, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 14 ta’ April 2010, kontra Jon Munro;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi li ghall-finijiet ta’ kompetenza huma jillimitaw it-talba taghhom sas-somma ta’ hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87);

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda ma ressaq ebda Risposta ghat-talba attrici u ma deherx ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduti tas-16 ta’ Ottubru 2012[1] u ta’ l-4 ta’ April 2013[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 40 sa’ 50 tal-process, a fol. 62 sa’ 64 tal-process u a fol. 73 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ l-attrici moghtija waqt

[1] Fol. 51 sa’ 58 tal-process.
[2] Fol. 76 tal-process.

is-seduta ta' l-4 ta' April 2013[3] u rat id-dokumenti esebiti minnha a fol. 65 sa' 72 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom somma li ghandha tigi likwidata mill-Qorti, occorrendo permezz ta' Periti nominandi, rapprezentanti danni u spejjez minnhom inkorsi b'konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Novembru 2009 gewwa Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CBJ-707 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JON-476 misjuqa mill-konvenut. Il-konvenut ghalkemm notifikat bir-Rikors promotur u bl-Avviz ta' l-appuntament bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ressaq ebda Risposta ghat-talba attrici u qatt ma deher ghas-seduti iffissati mill-Qorti.

Ghalkemm il-konvenut baqa' kontumaci l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tqis il-kontumacja tieghu bhala ammissjoni ghat-talba attrici stante li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-kontumacja ma hijiex ammissjoni (Charles Saliba v. Salvu Borg – Appell 27.6.1997) u skond kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verità tal-fatti*[4], u ghaldaqstant l-atturi fi kwalunkwe kaz ghandhom jippruvaw il-kaz taghhom.

Mill-provi prodotti mill-atturi, liema provi jikkonsistu fix-xhieda taghhom stess u provi dokumentarji dwar griehi li sofrew b'konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku in kwistjoni u dwar spejjez medici minnhom inkorsi u danni ohra pretizi mill-attur Johann Attard rapprezentanti paga li tilef peress li baqa' fuq *sick pay* iktar mill-previst, jirrizulta li fid-29 ta' Novembru 2009 l-atturi kienu involuti f'incident tat-traffiku mal-konvenut f'Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, fejn essenzjalment waqt li t-traffiku mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar lejn Bugibba kien miexi bil-mod, il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni JON-476, habat minn wara mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CBJ-707 misjuqa mill-attur. B'konsegwenza ta' din il-habta l-attur sofra danni fil-vettura tieghu u hu u l-attrici sofrew xi griehi.

Bl-azzjoni odjerna però l-attur mhux qed jitlob danni ghall-hsarat kawzati fil-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CBJ-707 stante li dawn già thallsu mill-assikurazzjoni tal-konvenut li ammettiet ir-responsabilità ta' l-assikurat taghha ghall-incident in kwistjoni. Bhala prova ta' dan l-attur esebixxa fotopja tar-ricevuta ghall-ammont ta' €799.37, mahruga mis-socjetà Citadel Insurance p.l.c., l-assikurazzjoni tieghu, lis-socjetà FOGG Insurance Agencies Ltd, l-assikurazzjoni tal-konvenut[5], rapprezentanti appuntu l-hlas ghall-hsarat kawzati fil-vettura tieghu. Id-danni pretizi mill-atturi

[3] Fol. 74 sa' 77 tal-process.
[4] Raymond Gauci pro et noe v. Christopher Galea, Citaz. Nru. 1857/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001.
[5] Dok. "GV1" a fol. 73 tal-process.

huma danni u spejjez medici minnhom inkorsi minhabba griehi li sofrew b'kawza ta' dan l-incident tat-traffiku.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012[6], l-attur iddikjara li fiz-zmien meta sehh l-incident tat-traffiku in kwistjoni huwa kien ghadu kemm irkupra minn problema li kellu f'daharu peress illi kien wegga' fuq ix-xoghol, izda bl-iskoss li ha meta l-vettura misjuqa mill-konvenut dahlet fil-vettura misjuqa minnu huwa rega' beda jhoss ugieh f'daharu u wara vista ghand it-Tabib u l-Phsiotherapist li kien qed jikkurah irrizulta li l-istat ta' daharu rega' gie l-istess ghal li kien qabel ma beda l-kura tieghu. Bhala prova ta' dan u b'mod partikolari tal-fatt li l-impatt bejn il-vetturi ikkawzalu ugih f'daharu, l-attur ipproduca fotokopja ta' certifikat rilaxxat mit-Tabib Dr. Gregory Attard esebit bhala Dok. "B" a fol. 41 tal-process u fotokopja ta' certifikat rilaxxat minn Milos Stanisavljevic, il-Physiotherapist li kien qed isegwih.

Mic-certifikat mahrug minn Milos Stanisavljevic jirrizulta *Mr. Johann Attard started physiotherapy 06.10.2009. On initial examination he presented us with pain in his lower lumbar region. This was ROM and muscle power of the low back region were much decreased. After a check up examination with Dr. Massimo Abela it was decided that he starts to attend regular physiotherapy sessions. This would try to increase his ROM and decrease his pain. After almost two months Mr. Attard felt great improvement and it was just about to be discharged, but unfortunately on the last session (30.11.2009) he presented us with a same problem but this time it was attributed to his involvement in MVA when he had a whiplash injury. His status has deteriorated dramatically and I would say that he is back where he was 2 months ago. Treatment is presently consisting of ultrasound, electrotherapy, thermotherapy, manipulative techniques, acupressure and exercises. He has been attending for twice weekly appointments and now his progress is expected to be very slow. However, I suggest that he continues his rehabilitation program and to visit orthopedic surgeon for further evaluation of is problem.*

L-attur iddikjara wkoll li b'rizultat ta' dan, flok ma rega' dahal ghax-xoghol f'Dicembru 2009, kif kien ippjanat li kellu jaghmel, dahal lura ghax-xoghol f'xi zmien fi Frar 2010 bil-konsegwenza li baqa' fuq *sick pay* tul ix-xahar ta' Dicembru 2009, Jannar 2010 u parti minn Frar 2010, hekk kif jirrizulta mill-*pay slips* esebiti minnu.

L-attrici wkoll tikkontendi li b'konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku in kwistjoni hija soffriet minn *whiplash injury* kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mit-Tabib Dr. D. Attard Montalto fit-30 ta' Novembru 2009 – fol. 65 tal-process – u mic-certifikati mahruga mit-Tabib Stefan Camilleri fis-16 ta' Dicembru 2009 u fis-17 ta' Dicembru 2009 – fol. 70 tal-process, u kellha tiehu kemm medicinali kif ukoll tattendi ghal sezzjoni ta' fisioterapija minhabba tali *injury*.

L-ispejjez medici li l-atturi jikkontendu li inkorrew b'konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku in kwistjoni huma:

- Spiza ta' **€15** ghall-konsulta ghand Dr. Gregory Attard ghall-attur – ricevuta relattiva a fol. 42 tal-process;
- Spiza ta' **€7.70** ghall-attendenza fid-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' St. James Hospital da parte ta' l-attur – ricevuta relattiva a fol. 43 tal-process;

[6] Fol. 51 sa' 58 tal-process.

- Spiza komplessiva ta' **€100** ghas-sezzjonijiet ta' fisioterapija ghall-attur wara l-incident in kwistjoni – ricevuti relattivi a fol. 47 u 48 tal-process;
- Spiza ta' **€10.80** u **€18.11** ghal medicinali akkwistati ghall-attrici – ricetta tat-Tabib u ricevuti relattivi a fol. 66 tal-process;
- Spiza ta' **€8.36** ghal medicinali ohra akkwistati ghall-attrici peress li l-ugieh ippersista – ricetta tat-Tabib u ricevuti relattivi a fol. 67 tal-process;
- Spiza ta' **€16.00** ghall-vista mill-attrici ghand it-Tabib Dr. Stefan Camilleri – ricevuta a fol. 69 tal-process;
- Spiza **€16.50** ghal sezzjoni ta' fisioterpaija ghall-attrici – ricevuta a fol. 69 tal-process.

Kif iktar 'l fuq osservat l-attur iddikjara li b'konsegwenza ta' l-ugigh f'daharu wara l-incident tat-traffiku in kwistjoni huwa rega' dahal ghax-xoghol f'xi zmien fi Frar 2010 minflok f'Dicembru 2009 kif originarjament ippjanat u b'hekk baqa' fuq *sick pay* tul ix-xhur ta' Dicembru 2009, Jannar 2010 u parti minn Frar 2010 u ghalekk jippretendi li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-paga li huwa tilef tul dan iz-zmien. Bhala prova ta' dannu subit, liema dannu essenzjalment jikkonsisti fid-differenza bejn *full pay* u *sick pay*, l-attur esebixxa *pay slips* ghax-xhur ta' Lulju 2009 u Awwissu 2009 fejn kien fuq *full pay* – fol. 45 u 46 tal-process – u *pay slips* ghax-xhur ta' Dicembru 2009 u Jannar 2010 fejn kien fuq *sick pay* – fol. 62 u 63 tal-process – u ghax-xahar ta' Frar 2010 fejn kien *in parte* fuq *sick pay* u *in parte* rega' qaleb ghall-paga normali tieghu. Mill-*pay slips* ta' Lulju 2009 u Awwissu 2009 jirrizulta li l-paga ta' l-attur kienet ta' 4,212.03 Lira Sterlina u ta' 4,161.64 Lira Sterlina rispettivament u ghalhekk bejn wiehed u iehor l-attur kien jaqla' ftit iktar minn 4,000 Lira Sterlina fix-xahar bhala *full pay*. Mill-*pay slips* ghax-xhur ta' Dicembru 2009 u Jannar 2010, meta kif inghad kien qieghed fuq *sick pay*, jirrizulta li huwa rcieva paga fl-ammont ta' 2,720.69 Lira Sterlina u fl-ammont ta' 2,699.14 rispettivament. Mill-*pay slip* ghax-xahar ta' Frar 2010 tul liema jidher li dahal lura ghax-xoghol, l-attur ircieva paga fl-ammont ta' 3,637.68 Lira Sterlina.

Wara li qieset il-provi prodotti mill-atturi, liema provi ma gew bl-ebda mod kontradetti jew kontestati mill-konvenut peress illi qatt ma deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti, il-Qorti tinsab sodisfatta li ghalkemm l-attur già kien ibghati b'ugigh f'dahru minn qabel l-incident tat-traffiku in kwistjoni b'konsegwenza ta' dan l-incident, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut kif rikonoxxut mill-istess assikurazzjoni tieghu bil-hlas tad-danni kawzati lill-vettura ta' l-attur, l-attur rega' wegga' daharu b'mod serju u l-attrici sofriet ukoll minn *whiplash injury*, liema griehi ipperduraw fiz-zmien kemm ghall-attur kif ukoll ghall-attrici. Tinsab sodisfatta wkoll li l-atturi effettivament inkorrew fi spejjez medici minhabba il-griehi minnhom riportati b'konsegwenza ta' dan l-incident tat-traffiku u li l-attur, li dak iz-zmien kien irkupra bizzejjed mill-problemi li kellu f'daharu biex jerga' lura ghax-xoghol, kien obbligat li jibqa' barra mix-xoghol, u b'hekk jibqa' fuq *sick pay* flok jaqleb ghal *full pay*, ghal madwar xahrejn ohra.

Ghalkemm numru ta' dokumenti esebiti mill-atturi in sostenn tat-talba taghom ma gewx ikkonfermati bil-gurament ta' min harighom, u dan jinghad b'mod partikolari ghac-certifikati mahruga mit-Tobba rigward il-griehi riportati mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku in kwistjoni, il-Qorti xorta wahda qed taccetthom bhala prova ammissibbili u hija konvinta mill-valur probatorju ta' l-istess. F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede

Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Allied Insurance Agency Limited noe v. Evelyn Borg Grech, Appell Civili Nru. 1171/02** deciza fl-10 ta' Marzu 2004: *ilment konsimili* (ossia li t-Tribunal ta' Talbiet Zghar ammetta bhala prova valida dokument mhux ikkonfermat bil-gurament ta' min hargu) *kien gia gie sollevat drabi ohra. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Camilleri v. Leone Pillow" 7 ta' Ottubru 1997, dik il-Qorti kienet hemm irriteniet illi "il-konferma bil-gurament mhiex rekwizit sine qua non ghall-ammissibilità bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel."*

B'hekk fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-konvenut huwa responsabbli ghall-griehi riportati mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku in kwistjoni u konsegwentement ghandu jkun responsabbli wkoll ghall-hlas tad-danni u spejjez medici minnhom sofferti u inkorsi b'konsegwenza ta' tali incident. Fid-dawl tal-provi prodotti mill-atturi dwar id-danni u spejjez medici minnhom inkorsi l-Qorti tillikwida d-danni subiti minnhom fl-ammont komplessiva ta' **€3,435.00**, konsistenti tali ammont fis-somma ta' €192.47 rapprezentanti spejjez medici inkorsi mill-atturi **u** fis-somma ta' €3,242.53 rapprezentanti d-differenza fil-paga ta' l-attur ghax-xhur ta' Dicembru 2009, Jannar 2010 u Frar 2010 meta mqabbla ma' *full pay*, kalkolata tali differenza in bazi ghar-rata tal-kambju applikabbli fiz-zminijiet relattivi[7].

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-griehi riportati mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Novembru 2009 gewwa Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CBJ-707 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JON-476 misjuqa mill-konvenut, u ghall-konsegwenti danni minnhom sofferti, tillikwida tali danni fl-ammont komplessiv ta' €3,435.00 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' €3,435.00, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 14 ta' April 2010, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Av. Dr. Kris Borg noe v. Air Malta Co. Ltd., Appell Civili Nru. 2390/96 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-27 ta' Gunju 2003.